**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru 2021

Rikors Numru: 78/2019 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *Illi l-kontendenti partijiet kellhom relazzjoni li bdiet fis-sena elfejn u hdax (2011) u minn din ir-relazzjoni kellhom zewg (2) ulied li t-tnejn ghadhom minuri;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi dawn iz-zewg ulied li inghataw l-ismijiet ta' D u E twieldu nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012), rispettivament u dank if evidenzjat mic-certifikati tat-twelid tal-minuri hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok A 1' U 'Dok A 2';*

3. *Illi matul ir-relazzjoni tal-partijiet, l-intimat qatt ma wera xi interess partikolari f'uliedu jew b'xi mod kien involut fit-trobbija taghhom u prezenti ghaliho, ghax dejjem kien persuna irresponsabbli di carattere, tant illi qatt ma kien kapaci jzomm impjieg b'mod fiss;*

4. *Illi l-intimat kompla rrenda r-relazzjoni tal-partijiet mpossibbli, sentajatament minhabba l-fatt illi apparti illi qatt ma wera interess f'uliedu, kien ukoll vjolenti u aggressive fil-konfront ar-rikorrenti, filwaqt illi anke kellu problema ta' abbuz ta' droga u ghalhekk ir-relzzjoni taghhom tkissret irrimedjabbilment, b'tort uniku tal-istess intimat;*

5. *Illi ghalhekk ma hemmx possibilita ghar-rikonciljazzjoni;*

6. *Illi sfortunatament minn meta r-relazzjoni tal-partijiet tkissret, u cioe minn circa tlett (3) snin ilu l'hawn, l-intimat BAQA JIPPERSISTI FL-AGIR TIEGHU U GHADU MA JURIEX MINIMU TA' NTERESS VERSU ULIEDU;*

7. *Illi come di fatti l-intimat qatt ma vversa centezmu ta' euro lir-rikorrenti bhala retta alimentari ghaz-zewg uliedhom minuri;*

8. *Illi di piu l-intimat anqas qatt ma kkontribwixxa ghal kwalunkwe spejjez medici u edukattivi nkrsi mir-rikorrenti versu z-zewg uliedhom;*

9. *Illi r-rikorrenti qedha ghalhekk trabbi lil uliedha kompletament wahedha minghajr ebda tip ta' appogg – la morali u anqas finanzjarju da parti tal-intimat;*

10. *Illi biss biss jinghad illi l-intimat, illi skond id-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat t-tnax (12) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sbatax (2017), hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B', minkejja illi suppost jara lil uliedu ghal l-*

*access, gewwa l-Bini tal-Appogg, huwa aktar ifalli milli jattendi ghal dan l-access;*

11. *Illi kif se jirrizulta ahjar mix-xhieda prodotti, fil-maggior parti tad-drabi illi l-intimat jonqos milli jattendi ghal l-access tieghu, huwa lanqas biss jinforma lil had, bil-konsegwenza illi r-rikorrenti u uliedhom jattendu gewwa l-bini tal-Appogg ghalxejn;*

12. *Illi minkejja illi r-rikorrenti procediet bil-procedura tal-medjazzjoni, ghal aktar minn darba, l-intimat repetutament naqas milli jattendi ghal hafna mis-seduti;*

13. *Illi ghalhekk ma intlahaqx ftehim bonarju bejn il-partijiet;*

14. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

15. *Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedi bl-istanti permezz tad-Digriet apposite tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, hawn anness u mmarkat bħaa 'Dok C';*

*Ghaldaqstant l-esponenti qedha, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, umilment u bir-rispett titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:*

i. *TAFDA l-kura u l-kustodja tal-minuri uliedhom D u E f'idejn ir-rikorrenti esklussivament u TORDNA wkoll illi dawn l-istess zewg (2) ulied minuri, fl-interess suprem taghhom stess, ghandhom jibqghu jirrisjedu mar-rikorrenti;*

ii. *TAKKORDA lil-intimat access limitat versu z-zewg uliedu minuri, u TORDNA wkoll illi dak l-access hekk akkordat, ikun wiehed supervizjonat, illi jekk ezercitat biss gewwa l-Bini tal-Appogg, u dan anke billi TIKKONFERMA d-Digriet precedenti taghha datat t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

iii. *TIFFISSA dik is-somma ta' manteniment adegwata ghall-wild minuri tal-partijiet, pagabbli minn l-intimat versu r-rikorrenti kull erbgha (4) gimghat, u dan tenut kont ukoll tal-bzonnijiet ta' l-istess zewg ulied minuri;*

iv. *TORDNA lil intimat sabiex jissomministra lir-rikorrenti, dik it-tali somma ta' manteniment, hekk kif iffissata minn din l-Onorabbli Qorti;*

v. *TORDNA illi dik is-somma ta' manteniment hekk iffissata minn din l-Onorabbli Qorti, tinqata' direttament mis-salarju tal-intimat pagabbli direttament f'kont bankarju inestat f'isem ir-rikorrenti;*

vi. *TORDNA lil intimat C B sabiex jivversa wkoll nofs l-ispejjez medici u edukattivi, inkorsi mir-rikorrenti versu uliedhom minuri, wara l-prezentata tad-debiti rcevuti;*

vii. *TAWTORIZZA lir-rikorrenti sabiex wahedha esklussivament, u ad eskluzzjoni tal-intimat, tapplika ghal hrug ta' passaport taz-zewg uliedha minuri, u TORDNA wkolli illi l-passaport hekk mahrug, jinzamm mir-rikorrenti omm;*

viii. *TAGHTI kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

*BL-ISPEJJEZ inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra r-rikonvenzjonata, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni,*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat bl-atti tal-kawza odjerna nhar il-11 ta' April 2019,[2] huwa ma pprezentax ir-risposta ġuramentata tiegħu skont Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant fl-udjenza ta' nhar id-19 ta' Ġunju 2019, il-konvenut ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja;[3]

Rat l-Att tat-Twelid ta' E B, bin-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 3026 tas-sena 2012, fejn hemm imnizzel li twieldet nhar is-27 ta' Ġunju 2012;[4]

---

[2] Fol. 22.
[3] Fol. 26.
[4] Fol. 11.

Rat l-Att tat-Twelid ta' D B, bin-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 5084 tas-sena 2013, fejn hemm imnizzel li twieled nhar is-26 ta' Settembru 2013;[5]

Rat id-digriet *pendente lite* ta' nhar it-12 ta' Jannar 2017,[6] fejn il-Qorti akkordat lill-konvenut aċċess għal minuri, darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt supervizjoni fl-Aġenzija Appoġġ u dan fil-ġranet u l-ħinijiet li tagħzel l-istess Aġenzija;

Rat id-digriet *pendente lite* ta' nhar l-1 ta' Novembru 2019,[7] fejn *inter alia* l-konvenut ġie ordat iħallas €600 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, liema ammont jinkludi sehemu mill-ispejjez għas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri;

Rat in-nota tal-Aġenzija Appoġġ li permezz tagħha ġie ipprezentat rapport tal-Ħaddiema Soċjali Vanessa Vella u Andreana Gellel,[8] fejn permezz ta' digriet datat 15 ta' Jannar 2021, il-Qorti laqgħat ir-rakkomandazzjonijiet kollha elenkati fir-rapport tal-Ħaddiema Soċjali;[9]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[10]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa u d-dokumenti ezebiti, liema ġew kollha mizmuma u mresqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021, il-Qorti akkordat zmien stipulat lill-partijiet sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom;[11]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[12]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[13]

[5] Fol. 10.
[6] Fol. 17.
[7] Fol. 156.
[8] Fol. 209.
[9] Fol. 221.
[10] Fol. 31.
[11] Fol. 271.
[12] Fol. 272.
[13] *Ibid.*

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawza odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien izda ma jirrizultax li dawn qatt kienu mizzewġin, minn liema relazzjoni twieldet E B nhar is-27 ta' Ġunju 2012, u kif ukoll D B nhar is-26 ta' Settembru 2013. Il-partijiet għamlu xi zmien jgħixu flimkien bħala familja, izda għal numru ta' raġunijiet varji tali relazzjoni sfaxxat fix-xejn. Fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċaw jgħixu esklussivament mal-attriċi, fejn din qiegħda trabbihom u tindukrahom mingħajr ebda għajnuna da parti l-konvenut missierhom. Għalkemm *pendente lite* hemm *in vigore* numru ta' digrieti dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, izda li dawn allegatament ma humiex qegħdin jiġu onorati. Tenut kont ta' dan in-nuqqas ta' involvement tal-konvenut f'ħajjet il-minuri u kif ukoll nuqqas ta' responsabbilita' bħala ġenitur illi jieħu ħsieb, jmantni u jeduka lil minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawza sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri E u D, aħwa B, tiġi regolata formalment permezz ta' deċizjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawza fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li dawn jirrisjedu magħha b'mod permanenti;

ii. Tordna li l-konvenut ikollu d-dritt għal aċċess supervizjonat mal-minuri ġewwa l-bini tal-Aġenzija Appoġġ;

iii. Tiffissa manteniment adegwat għal minuri, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas ukoll nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, liema somma għandha titħallas kull erba' (4) ġimgħat billi tinqata' mis-salarju tiegħu filwaqt li tiġi depozitata f'kont bankarju tal-attriċi;

iv. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tapplika għall-passaport tal-minuri, mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni jew kunsens da parti l-konvenut, filwaqt li tawtorizza lill-attriċi ukoll li zzomm fil-pussess tagħha l-imsemmija passaporti.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata u b'hekk jinsab fi stat ta' kontumelja, u ma jirrizultax lanqas li l-konvenut ttenta jiġġustifika lill-Qorti dan in-nuqqas.

**2. Il-Verzjoni tal-Attriċi:**

Fl-affidavit tagħha,[14] l-attriċi tirrileva illi hi u l-konvenut kienu bdew joħorġu flimkien wara li nhar l-20 ta' Frar 2011, ħabib tal-konvenut kien qal lill-attriċi li l-konvenut xtaq joħroġ magħha, u din aċċettat. Tispjega li għall-ewwel ftit xhur, ir-relazzjoni tagħhom kienet għaddejja mhux ħazin, hekk kif tikkonferma li da parti tagħha minn dejjem kien hemm problemi ta' nuqqas ta' fiduċja minħabba ħabiba li l-konvenut kellu taħdem miegħu u li kien iqatta' ħafna ħin magħha. Ftit taz-zmien wara l-attriċi skopriet ukoll illi l-konvenut flimkien mal-ħabiba tiegħu kienu jagħmlu uzu mid-droga kokaina, u kif ukoll li l-konvenut kien għamel ukoll programm ta' riabilitazzjoni mal-*Caritas*, izda l-konvenut kien dejjem jerġa' jaqa' lura għal vizzju tad-droga. Għaldaqstant l-attriċi tgħid li l-konvenut kellu jagħzel x'ħa jagħmel b'ħajtu in vista li hi ma kienetx disposta li tkun f'relazzjoni ma' xi ħadd bil-vizzju tad-droga. Minħabba f'hekk, il-konvenut biddel il-post tax-xogħol tiegħu, u baqa' jaħdem biss ix-xogħol bħala *printer* fil-kumpanija ta' zijuh.

F'dan iz-zmien, ir-relazzjoni tal-partijiet bdiet sejra tajjeb izda dan il-perjodu ma tantx dam hekk kif konsegwentament l-attriċi skopriet li l-konvenut kien qiegħed iqatta' l-iljieli tiegħu barra minnflok rieqed għand ommu. Fil-fatt l-attriċi tirrakonta kif darba fost l-oħrajn sabet lil konvenut f'sakra f'*pub* ġewwa Marsascala, u tant kemm il-konvenut ma kienx f'sensih li l-karozza spiċċat bla *spoiler*. Wara dan l-episodju, il-konvenut kien wiegħed lill-attriċi illi dawn l-episodji ma kienux ser jerġgħu jiġu ripetuti. Madanakollu, l-attriċi tagħti rendikont ta' episodju ieħor sussegwenti li seħħ nhar it-23 ta' Ġunju 2011 fejn allegatament waqt btala ġewwa Sqallija l-konvenut refa' jdejh fuq l-attriċi stante

[14] Fol. 31.

li kien ċert li l-attriċi kienet kissritlu n-nuċċali. L-attriċi tikkontendi li minn dakinhar il-konvenut beda jsir iktar vjolenti.

F'Settembru tas-sena 2011, l-attriċi saret taf li kienet tqila, fejn f'tali perjodu l-konvenut pprova juri lill-attriċi li kollox kien mixi sew, izda l-attriċi ma kienetx tal-istess fehma, hekk kif il-konvenut kien qiegħed jirċievi messaġġi li jrid jagħti xi flus, liema messaġġi fil-fehma tal-attriċi kienu minnhom infushom prova li l-konvenut kien għadu qiegħed iħawwad. Konsewgentament twieldet E B f'Ġunju tal-2012, fejn matul dak iz-zmien, il-minuri kienet kollox għal konvenut. L-affarijiet kienu donnhom mixjin tajjeb u l-partijiet kient ddeċidew li jmorru jgħixu flimkien bħala familja, u b'hekk krew post ġewwa Ħaz-Zabbar. L-attriċi tispjega li minħabba li qatt ma kellha għajnuna finanzjarja jew għajnuna fit-trobbija tat-tfal, hi kellha tidħol lura għax-xogħol filwaqt li E kienet daħħlitha f'*Childcare* ġewwa Santa Luċija. Madwar sitt (6) xhur wara t-twelid tal-minuri, il-problemi bejn il-partijiet bdew jikbru stante li l-attriċi kienet qiegħda tassumi r-responsabbiltajiet kollha filwaqt li l-konvenut kellu moħħu biss fil-bzonnijiet tiegħu.

F'Diċembru tas-sena 2012, l-attriċi skopriet li kienet tqila bit-tieni wild. F'dan iz-zmien, il-konvenut iddeċieda li jitlaq mill-impjieg li kellu u jokkupa ruħu b'ħanut ġewwa Birzebbuġa. Minħabba f'hekk, reġgħu bdew l-iljieli barra u l-uzu tad-droga. L-attriċi tiddeskrivi lil konvenut bħala raġel irresponsabbli *"li qatt ma kien kapaci jerfa responsabiltajet tat-tfal"*.[15] L-attriċi tirrakkonta li bejn il-lejl tat-12 u t-13 ta' Awwissu 2013, il-konvenut ma daħalx id-dar. Għalhekk l-attriċi marret il-ħanut ġewwa Birzebbuġa u sabitu f'sakra ma jarax art. Kien dakinhar stess meta l-konvenut allegatament waddab biċċa għodda lill-attriċi, u kif ukoll li nqabad mill-Pulizija jsuq taħt l-effett tal-alkohol u ġie skwaifikat milli jkollu liċenzja tas-sewqan. Dakinhar stess, l-attriċi tgħid li ddeċidiet li titlaq mid-dar u marret għand ommha. It-tieni wild, D, twieled f'Settembru tal-2013. Mat-twelid tal-minuri, l-attriċi għazlet li tagħti lil konvenut opportunita' oħra sabiex jgħaqqad il-familja u kien għalhekk li flimkien marru jirrisjedu għal xahar ġewwa l-lukanda *Porto del Sol* ġewwa x-Xemxija sakemm tlestiet ir-residenza tal-attriċi ġewwa l-Kalkara. Kien f'Novembru tal-2013 li l-partijiet daħlu jgħixu fid-dar tal-Kalkara, proprjeta' tal-attriċi. Sa Diċembru ta' dik is-sena, il-ħanut tal-konvenut kien falla stante li l-konvenut ma kienx qiegħed ileħħaq mal-problema tad-droga u l-ispejjez kbar tal-ħanut. F'Jannar tal-2014, il-partijiet ppruvaw jaħdmu fuq ir-

[15] Fol. 33.

relazzjoni tagħhom, izda kienet ferm diffiċli, tant li nhar it-18 ta' Jannar tal-2014 il-konvenut bagħat *email* lill-uliedu u *email* oħra lill-attriċi fejn awguralha li ssib lil xi ħadd li jixraqilha u kien lest li jħobbhom filwaqt li ddeskriva ilu nnifsu bħala *'l ex mahbub'*.[16]

Wara s-suespost, l-attriċi tgħid illi kompliet trabbi lill-minuri waħedha mingħajr ebda support u appoġġ minn għand il-konvenut, u tirrileva illi *"dan qatt ma kien prezenti fil-hajja ta' uliedna, u ghalhekk mhux biss qatt ma offrielhom l-ebda appogg finanzjarju, talli anqas dak morali jew psikologiku. Huwa qatt ma kien prezenti f'hajjithom, u filfatt qatt ma ha r-rwol ta' missier f'hajjithom. Dejjem ghamilt kollox jien – wahdi, bl-ghajnuna tal-genituri tieghi"*.[17] Madanakollu minn kliem l-attriċi jidher li l-partijiet damu jgħixu taħt l-istess sas-6 ta' Ottubru 2015, fejn f'tali data l-konvenut ma rritornax id-dar u wara ftit zmien l-attriċi skopriet li telaq sabiex ikun fil-kumpanija ta' nisa oħra. Konsegwentament il-konvenut safa' ukoll imkeċċi mid-dar ta' ommu, u b'hekk talab lill-attriċi sabiex jerġa' jgħix għandha. L-attriċi aċċettat izda tgħid li minn meta reġa' mar lura, l-affarijiet qatt ma kienu sejrin tajbin ġialadarba l-iljieli barra baqgħu għaddejjin, u saħansitra anke l-vjolenza quddiem it-tfal. B'hekk l-attriċi tirrileva li hi telqet mid-dar f'Marzu tal-2016, fejn marret għal ġimgħa ġewwa lukanda sabiex il-konvenut ma jsibhiex. Il-partijiet ippruvaw jifthemu dwar it-tfal sabiex ikun jista' jarahom, izda l-attriċi saret taf li il-ftit drabi li l-minuri kienu jkunu mal-konvenut, dawn ma kienux ikunu fis-sigur. Kien proprju għalhekk li l-attriċi bdiet il-proċeduri legali.

Matul dan iz-zmien, l-attriċi tgħid li l-konvenut biddel kemm-il darba l-impjieg tiegħu, izda xorta waħda ma kienx jipprovdi għal uliedu u dan minkejja li l-ispejjez tal-minuri kull ma jmur dejjem kienu jizdiedu. Nelfrattemp kien ukoll ngħata d-digriet tal-Qorti rigward l-aċċess li seta' jezerċita l-konvenut ma' uliedu, izda ma kienx konsistenti fl-attendenza tiegħu, anzi jingħad li maz-zmien dejjem kien qiegħed inaqqas. Finalment l-attriċi tispiċċa tgħid illi *"jien dejjem hadt ir-responsabbilita' kollha tat-tfal totalment u kompletament wahdi u dan kemm f'ikel, fi hwejjeg, fi skejjel tas-Sajf u tax-xitwa u ghal kull bzonn iehor li il-bniedem ghandu biex jghix. It-tfal dejjems sabuni hemm ghalihom, ghal kull sapport mentali, anke ghad-dizappunti kollha ta' missierhom, fejn iddecieda li*

[16] Fol. 34.
[17] Fol. 35.

*ma jiehux ir-responsabilta' tat-tfal u fejn juri li hu ma ghandux interess li jkun kontinwament prezenti fil-hajja tat-tfal".*[18]

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi tressaq bħala provi:

a. *L-Att tat-Twelid ta' E B*, bin-numru progressiv 3026 tas-sena 2012, fejn jinsab iddikjarat li twieldet nhar is-27 ta' Ġunju 2012 u b'hekk il-minuri fil-prezent għandha disa' (9) snin;

b. *L-Att tat-Twelid ta' D B*, bin-numru progressiv 5084 tas-sena 2013, fejn jinsab iddikjarat li twieled nhar is-26 ta' Settembru 2013 u b'hekk il-minuri fil-prezent għandu tien (8) snin;

c. *Zewġ (2) emails mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi, waħda għaliha personali u oħra għal minuri*, fejn il-konvenut jiddikjara:

   *Email* indirizzata lill-attriċi: *"Niskuza ruhi ta dak li gara bejnietna imma issa had ma jista jiranga il hazin li sar",*[19]

   *Email* indirizzata lill-minuri: *"Gheziez uliedi, jiena missierkom. Lijli ma tantx tafuni ghax kelli nitlaqkom ta eta zighra. (...) Jiena nhobbok hafna, imma minhabba certu kirkostanzi li graw bejni u bejn ommok ahna kelna nitilqu ghar rasna ghax ma stajniex nighxu flimkien min habba nuqas ta qbil. (...) Hobbuwa kemm tistaw ghax hi qadt ma ghamlitilkom denii. Ghanzi dejjem hadmet ghalikom. (...) Izda meta tikbru aktar ghajdu il mummy tajdilkom x kienu lisbalji tieghi u taghmluwhomx intom".*[20]

d. *Prova tal-ispejjez inkorsi minnha sabiex tgħajjex il-minuri*, *inter alia*, numru ta' rċevuti,[21] lista tal-kotba għall-iskola tal-minuri,[22] kontijiet tad-dawl u ilma għal perjodu bejn il-31 ta' Jannar 2018 u s-26 ta' Lulju 2019,[23] spejjez edukattivi tal-minuri;[24]

---

[18] Fol. 37.
[19] Fol. 34.
[20] *Ibid.*
[21] Fol. 49 – 72.
[22] Fol. 73 – 76.
[23] Fol. 77 – 87.
[24] Fol. 88 – 122.

e. *Prospett tal-ispejjez tal-minuri*;[25]

f. *Statements bankarji ta' zewġ kontijiet intestati f'isem l-attriċi*, u ċjoe': (i) 068082361050 mal-HSBC Bank Malta plc,[26] u (ii) 013245816001 mal-HSBC Bank Malta plc;[27]

g. *Kopji tal-FS3s tal-attriċi*: (i) tas-sena li tagħlaq 2016 fejn kellha introjtu gross annwali ta' €24,113.91,[28] (ii) tas-sena li tagħlaq 2017 fejn kella introjtu gross annwali ta' €25,541.40,[29] u (iii) tas-sena li tagħlaq 2018 fejn kellha introjtu gross annwali ta' €27,432.03;[30]

h. *Kopji tal-payslips tal-attriċi bħala għalliema*: (i) tal-perjodu bejn it-23 ta' April 2019 sal-201 ta' Mejju 2019, b'introjtu nett ta' €1.749.22,[31] (ii) tal-perjodu bejn il-21 ta' Mejju 2019 sas-17 ta' Ġunju 2019, b'introjtu nett ta' €1,805.59,[32] u (iii) tal-perjodu bejn it-18 ta' Ġunju 2019 u -15 ta' Lulju 2019, b'introjtu nett ta' €1,638.89;[33]

i. *Ix-xhieda ta' Dr A Galea in rapprezentanza tal-Aġenzija Sedqa*,[34] fejn ipprezentat dokument fuq l-konvenut u l-kuntatt tiegħu mal-Aġenzija in kwistjoni,[35] liema dokument jikkonferma li l-konvenut għamel kuntatt mal-Aġenzija f'Marzu 2017 fejn kellu tmien (8) sessjonijiet, li minnhom attenda tlieta (3), tant li s-servizz ġie tterminat f'Settembru tal-istess sena stante li l-konvenut tilef fil-kuntatt tiegħu mal-Aġenzija. Barra minn hekk jiġi kkonfermat ukoll illi matul il-perjodu bejn Marzu u Lulju tas-sena 2017, il-konvenut ipprezenta ħames (5) kampjuni tal-awrina taħt supervizjoni li kollha rrizultaw fin-negattiv għal traċċi ta' uzu ta' droga;

j. *Ix-xhieda ta' F Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus*,[36] fejn ezebixxa: (i) l-*employment history* tal-attriċi li tistabbilixxi li din ilha taħdem fuq bazi

[25] Fol. 148.
[26] Fol. 123 – 146.
[27] Fol. 147.
[28] Fol. 149.
[29] Fol. 150.
[30] Fol. 151.
[31] Fol. 152.
[32] Fol. 153.
[33] Fol. 154.
[34] Fol. 157.
[35] Fol. 162.
[36] Fol. 157 – 158, 192.

*full-time* mal-Ministeru tal-Edukazzjoni bħala għalliema sa mid-19 ta' Settembru 2007,[37] u (ii) l-*employment history* tal-konvenut li tistabbilixxi li dan ilu jaħdem fuq bazi *full-time* bħala *self-employed bartender* sa mit-22 ta' Ottubru 2018;[38]

k. *Ix-xieda ta' Naomi Bellotti in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ,*[39] fejn tiddikjara li fir-rigward tal-aċċess mal-minuri, dan isir darba fil-ġimgħa għal sagħtejn, fejn *"it-tfal ikunu jidhru looking forward ghall-access u jmorru jigru ghal fuqu. Jkollhom kurzita' dwar x'gabilhom. Jilghabu waqt l-access ghalkemm il-missier jiehu aktar rwol li josserva ghax jibqa' fuq is-siggu. Pero jikkoregihom. M'ghandux attendenza regolari ghax qisu dejjem ikun hemm 2 darbiet f'xahar fejn ma jigix. (...) It-tfal kellimthom u qaluli li jkunu looking forward ghall-access. L-SAV's ilhom ghaddejjin mis-sena 2017 u l-Agenzija Appogg thossm li l-famlja saret dipendenti fuq is-servizz u hemm bzonn li jsir xi haga biex eventwalment ma jibqax isir acess b'supervizjoni"*;

l. *Ix-xhieda ta' Shirley Ann Gauci in rapprezentanza tal-iskola St Francis School,*[40] li tikkonferma li l-minuri jattendu tali skola, u li l-komunikazzjoni tal-iskola dejjem issir mal-omm hekk kif il-missier qatt ma rawh, tant li l-konvenut ma huwiex awtorizzat li jiġbor lit-tfal mill-iskola;[41]

m. *Ix-xhieda ta' missier l-attriċi F B,*[42] li jikkonferma l-verzjoni tal-attriċi;

n. *Ix-xhieda ta' omm l-attriċi G B,*[43] li tikkonferma l-verzjoni tal-attriċi;

o. *Ix-xhieda ta' Vanessa Vella in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ,*[44] li tikkonferma li l-konvenut kien ilu ma jattendi għall-aċċess mal-minuri sa minn Settembru 2020 u kull darba li jippruvaw jikkuntatjawh dan ma jirrispondix;

---

[37] Fol. 163.
[38] Fol. 196.
[39] Fol. 158.
[40] Fol. 168.
[41] Fol. 171.
[42] Fol. 192.
[43] Fol. 193.
[44] Fol. 202.

p. *Ix-xhieda ta' Christabelle Mangion in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ*,[45] li kienet tkun prezenti waqt l-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, fejn tikkonferma ukoll li kien hemm drabi fejn kien ikun regolari fl-attendenza tiegħu, izda tgħid li *"kien joqghod bilqieghda mal-mejda maghhom, jaghtihom xi haga x'ipengu u kien joqghod fuq il-mobile jew ihares lejhom ipingu, ma kienx hemm dik il-komunjikazzjoni li ghandu jkun hemm bejn il-missier u t-tfal tieghu"*;

q. *Ix-xhieda tal-iSpettur Melvin Zammit*,[46] li pprezenta kopja tal-akkuza datata 3 ta' Novembru 2020 li ħarġet fil-konfront tal-konvenut hekk kif fl-1 ta' Novembru 2020 instab li kellu fil-pussess tiegħu droga kokaina, saq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqa, saq vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni, u talli kien reċediv,[47] u kkonferma ukoll li l-konvenut għandu proċeduri pendenti quddiem il-Maġistrat Josette Demicoli;

r. *Ix-xhieda ta' Mario Rodo (PC 775)*,[48] li pprezenta numru ta' rapporti magħmula mill-attriċi mal-Pulizija kontra l-konvenut fil-perjodu bejn is-26 ta' Frar 2020 sat-22 ta' Jannar 2021: (i) rapport datat 26 ta' Frar 2020 rigward in-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, fejn ikkonferma li *"kompla jistqarr illi huwa kien infurma lill-avukat tieghu li ma kienx ha jaghtiha l-manteniment, fejn l-avukat ta' C talab lill-avukat taghha sabiex jiltaqaw u jiddiskutu l-affarijiet"*,[49] (ii) rapport datat 16 ta' April 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[50] (iii) rapport datat 18 ta' Mejju 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[51] (iv) rapport datat 19 ta' Ġunju 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[52] (v) rapport datat 23 ta' Lulju 2020 rigward nuqqas ta' ħas ta' manteniment,[53] (vi) rapport datat 19 ta' Awwissu 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[54] (vii) rapport datat 23 ta' Settembru 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[55]

[45] Fol. 204.
[46] Fol. 226.
[47] Fol. 228.
[48] Fol. 226.
[49] Fol. 230 – 231.
[50] Fol. 232 – 234.
[51] Fol. 235 – 236.
[52] Fol. 237 – 238.
[53] Fol. 239 – 241.
[54] Fol. 242 – 244.
[55] Fol. 245 – 247.

(viii) rapport datat 22 ta' Jannar 2021 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.[56]

s. *Ix-xhieda ta' Witney Falzon Debono (WPC 339)*,[57] li pprezentat numru ta' rapporti magħmula mill-attriċi mal-Pulizija kontra l-konvenut: (i) rapport datat 26 ta' Frar 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[58] (ii) rapport datat 16 ta' April 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[59] (iii) rapport datat 18 ta' Mejju 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment,[60] (iv) rapport datat 23 ta' Settembru 2020 rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.[61]

## 3. Il-Verzjoni tal-Konvenut:

Il-Qorti tinsab sprovvista mill-verzjoni tal-konvenut u dan stante li huwa għazel li ma jintavolax risposta ġuramentata skont Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk spiċċa fi stat ta' kontumċja. Għaldaqstant, il-konvenut kien prekluz milli jipprovdi l-verzjoni tiegħu u lanqas iressaq dawk il-provi sabiex jikkontradixxu l-verzjoni tal-attriċi. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva illi nonostante l-fatt illi l-konvenut ingħata l-fakolta' li jipprezenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub ai termini tas-subinċiz 10 tal-artikolu tal-liġi surreferit, huwa għazel li dan ma jagħmlux.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[62] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew*

[56] Fol. 248 – 250.
[57] Fol. 255.
[58] Fol. 258 – 260.
[59] Fol. 261 – 263.
[60] Fol. 264 – 265.
[61] Fol. 266 – 268.
[62] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[63] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[64] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[65] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[66] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[67] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-*

[63]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[64]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[65]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[66]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[67]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi

versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

L-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja eskluzziva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, izda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bzonnjuz u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluz mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala iltiema minkejja li għandhom iz-zewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika zejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi sforz tali aġir,

ikunu l-ġenituri stess li jagħżlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni krudili, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għozza li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sintezi tal-kaz odjern, fejn l-konvenut għazel li ma jerfax ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala missier versu uliedu, bil-konsegwenza li tefa' l-piz tat-trobbija tal-ulied esklussivament fuq spallejn l-attriċi filwaqt li hu jkompli jgħix ħajja bla obbligi, spensierata u xxellerata.

Skont id-dikjarazzjoni tal-attriċi, il-partijiet kellhom problemi bejniethom dovuti lejn il-vizzji tax-xorb u d-droga li kellu u għad għandu l-konvenut. Il-verzjoni tal-attriċi tidher konsistenti u verosimili f'għajnejn il-Qorti hekk kif din tidher ikkorraborata permezz ta' diversi xhieda u dokumenti. Għaldaqstant mill-atti jirrizulta ċar illi:

i. Il-konvenut kellu u għad għandu l-vizzju tad-droga;[68]
ii. Il-konvenut ma kellux intenzjoni li jħallas manteniment għal uliedu;[69]
iii. Il-konvenut lanqas ma kellu l-intenzjoni li jkun konsistement prezenti fil-ħajja tal-minuri;[70]
iv. Il-konvenut stess jikkonferma li kienet dejjem l-attriċi li ħadet ħsieb lil minuri, u li qiegħed iħalli t-trobbija tal-ulied esklussivament f'idejha tant li dderiġha lil uliedu sabiex *"meta tikbru aktar ghajdu il mummy tajdilkom x kienu l-isbalji tieghi u taghmluwhomx intom"*.[71]

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara illi l-attriċi ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-allegazzjoni tagħha dwar il-vizzju tax-xorb tal-konvenut u kif ukoll l-allegata vjolenza fizika pperpetrata mill-konvenut fuq il-persuna tagħha.

[68] Kif evidenzjat permezz tad-dokument ipprezentat mir-rapprezentata tal-Aġenzija Sedqa, u kif ukoll mill-akkuzatat-3 ta' Novembru 2020 pprezentata mill-iSpettur Melvin Zammit.

[69] Kif evidenzjat mir-rapporti kollha pprezentati minn Mario Rodo (PC 775) U Witney Falzon Debono (WPC 339), fejn l-attriċi kienet irrappurtat mal-Pulizija n-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment skont id-digret *pendente lite* tal-Qorti, filwaqt li l-Qorti tagħmel referenza speċifika lejn ir-rapport tas-26 ta' Frar 2020 fejn kien il-konvenut stess li kkonferma mal-Pulizija li rapport datat 26 ta' Frar 2020 rigward in-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, fejn ikkonferma li *"huwa kien infurma lill-avukat tieghu li* ***ma kienx ha jaghtiha l-manteniment****, fejn l-avukat ta' C talab lill-avukat taghha sabiex jiltaqaw u jiddiskutu l-affarijiet"*(enfasi ta' din il-Qorti).

[70] Kif evidenzjat mix-xhieda kollha tal-Ħaddiema Soċjali li jiddikjaraw l-konvenut ma kellux attendenza konsistenti għall-aċċess ma' uliedu, u anke jekk kien ikun prezenti f'xi waqtiet kien ikun ukoll passiv. Dawn huwa ukoll evdenzjat mir-rapport tal-Aġenzija Appoġġ ipprezentat nhar l-4 ta' Diċembru 2020, fejn il-Ħaddiema Soċjali kienu tal-fehma li kellhom jagħtu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom in vista li *"jidher ċar li l-missier mhux qiegħed jifhem l-importanza tar-rwol tiegħu fil-ħajja taz-zewġ uliedu u għalhekk li ma jattendix għall-aċċess huwa nuqqas kbir mal-minuri"*.

[71] Ara l-*emails* tal-konvenut mibgħuta mill-konvenut lill-attriċi nhar it-18 ta' Jannar 2014.

Nonostante dan u mill-provi li għandha quddiemha, il-Qorti għandha bizzejjed provi sabiex tasal għal konvinċiment morali li l-konvenut ma għandu l-ebda l-interess sħiħ versu uliedu, u dan meta kellu kull ċans li juri biċ-ċar li huwa fi grad li jieħu ħsiebhom u jagħmilhom prijorta' f'ħajtu.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll li l-attriċi pprezentat numru ta' dokumenti sabiex tistabbilixxi li kienet dejjem hi l-persuna li ħadet ħsieb lil minuri. Dawn id-dokumenti jvarjaw minn rċevuti, għal listi ta' kotba u spejjez relatati mal-edukazzjoni tal-minuri – liema dokumenti juru lil Qorti li l-attriċi dejjem kienet lesta li tipprovdi lil uliedha b'dak kollu neċessarju fil-ħajja kwotidjana u dan minkejja li qatt ma kellha għajnuna finanzjarja mill-konvenut. Għaldaqstant il-Qorti tinsab perswaza illi l-attriċi ppruvat timla' z-zarbun ta' zewġ ġenituri bl-aħjar mod li setgħat u dan sabiex tara li l-minuri ma jkun jonqoshom xejn. Fid-dawl ta' dan u mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri E u D, aħwa B, tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi A B, b'dana illi l-minuri għandom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala d-dar tagħha. Magħdud ma' dan l-attriċi hija għaldaqstant awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar. Fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmija passaporti maħruġa fuq isem il-minuri għandhom jinzammu fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tieħu konjizzjoni tar-rapport tal-Ħaddiema Soċjali pprezentat nhar l-4 ta' Diċembru 2020, fejn ġie ddikjarat illi *"ġie innutat ukoll illi l-missier ifalli spiss mill-aċċess u b'hekk l-attendenza tiegħu hija sporadika ħafna. Ta' min wieħed isemmi wkoll illi minħabba raġunijiet ta' xogħol tal-missier, l-aċċess qiegħed isir tas-Sliema fil-ħanut fejn huwa jaħdem biex b'hekk ma tkunx daqsekk problema biex issir l-aċċess u qas biss ikollu bzonn jivjaġġa minn post għall-iehor. Mill-banda l-oħra, l-omm ikkollaborat xorta waħda anke jekk dan kien ifisser aktar piz u skumdita' għaliha. Minkejja dawn l-arranġamenti, l-attendenza tiegħu ma kinitx konsistenti. Minn nhar 8 ta' Sttembru sa-ġurata tar-rapport, l-missier qatt ma reġa' għamel kuntatt mas-*

*servizz”*. Għaldaqstant u ġialadarba li *“jidher ċar li l-missier mhux qiegħed jifhem l-importanza tar-rwol tiegħu fil-ħajja taz-zewġ uliedu u għalhekk li ma jattendix għall-aċċess huwa nuqqas kbir mal-minuri”*, il-Ħaddiema Soċjali rrakkomandaw li: *“1. Il-missier jattendi kors ta’ positive parenting sabiex jitgħallem l-importanza tat-trobbija, 2. L-aċċess jonqos minħabba li għall-minuri qed tkun weġġa li ġieli jaslu jew ikunu mwebblin għall-aċċess ma missierhom u dan ma jseħħx, 3. Jekk wara tlett xhur l-attendenza tal-missier tkun waħda regolari, l-aċċess jerġa jizdied għal sagħtejn f’ġimgħa. Izda f’kaz illi l-attendenza tibqa’ waħda sporjadika u ma jagħtix spjegazzjoni, mela l-aċċess jibqa’ ta’ siegħa fil-ġimgħa”*.[72] Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew addottati mill-Qorti permezz ta’ digriet datat 15 ta’ Jannar 2021.[73]

Għaldaqstant mill-atti jirrizulta li l-minuri ilhom ma jaraw jew jikkomunikaw sew ma’ missierhom għal zmien twil. Ma huwiex magħruf f’dan l-istadju jekk il-missier segwiex il-kors ta’ *positive parenting*, u jekk kienx qiegħed jattendi għall-aċċess mnaqqas. Fi kwaunkwe kaz il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m’għandhomx jiġu mċaħħda minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. B’hekk, f’kawzi ta’ din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita’ li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni.

Fid-dawl ta’ dan, il-Qorti tordna li l-konvenut għandu jkollu d-dritt ta’ aċċess supervizjonat ta’ darba fil-ġimgħa ta’ siegħa fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ, fejn kull bidu tax-xahar il-konvenut għandu jipprezenta lil Ħaddiema Soċjali rizultat negattiv għad-droga wara li jkun ittiehed kampjun tal-awrina taħt is-supervizjoni tal-Aġenzija Sedqa. Madanakollu u f’kaz li: (i) r-rizultat negattiv għad-droga ma jiġix ipprezentat imqar darba waħda biss, u/jew, (ii) il-konvenut ma jattendix għal tali aċċess għal tlett (3) darbiet in fila mingħajr raġuni valida jew preavviz ta’ erbgħa u għoxrin (24) siegħa lill-Ħaddiema Soċjali, tali dritt ta’ aċċess għandu jiġi terminat b’mod temporanju sabiex ma tibqgħax issir ħsara lil minuri li ilhom jesperjenzaw inkosistenza da parti missierhom għal zmien twil. F’tali ċirkostanzi, il-konvenut għandu jingħata mill-ġdid l-edukazzjoni neċessarja sabiex jitgħallem dwar l-importanza tat-trobbija tal-ulied u l-irwol tiegħu bħala missier, fejn wara li jitlesta tali kors, l-aċċess għandu jerġa’ jibda jiġi ezerċitat, bil-kundizzjoni li jekk il-konvenut jerġa’ ma jipprezentax rizultat negattiv għad-droga għal darba

[72] Fol. 212.
[73] Fol. 221.

waħda biss, u/jew ma jattendix għall-aċċess għal tlett (3) darbiet in fila mingħajr raġuni jew preavviz ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa lill-Ħaddiema Soċjali involuti, l-aċċess għandu jiġi terminat immedjatament b'mod definittiv bil-fakolta' li meta jidhirlu xieraq il-konvenut ikun jista' jressaq talba appozita lil din il-Qorti sabiex din tal-aħħar tkun tista tirrivaluta d-dritt tal-konvenut li jakkwista mill-ġdid id-dritt tiegħu għall-aċċess mal-minuri.

Fir-rigward tal-mantenient u tenut kont illi l-minurri ser ikomplu jirrisjedu ma' ommhom, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis it-talba tal-manteniment għal minuri. Mill-*employment history* tal-konvenut u l-ispjegazzjoni tar-rapprezentant tal-Jobsplus, jirrizulta illi l-konvenut jinsab f'ipjieg fuq bazi *full-time* bħala *self-employed bartender*. Madanakollu l-Qorti ma għandha l-ebda indikazzjoni dwar l-introjtu mensili tal-konvenut, izda fi kwalunke kaz u nonostante l-vizzju tad-droga li huwa għandu, il-Qorti xorta waħda sejra tobbliga lil konvenut sabiex imantni lil uliedu stante li tali obbligu huwa sanċit mil-liġi stess. Il-fatt li l-konvenut ma jridx iħallas manteniment jew li qiegħed jittenta jaħrab mir-responsabbilta' finanzjarja li jġibu magħhom l-ulied, dan m'għandux ifisser illi għandu jiġi ezonerat mill-obbligi tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4) ġimgħat għal kull wild, u ċjoe' għal E u D, aħwa B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E u D, aħwa B, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom, jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk l-ulied jagħżlu li jmorru jgħixu ghal rashom meta jsiru maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri E u D, aħwa B, għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi A B, filwaqt li tordna li dawn iz-zewġ minuri għandhom jirrisjedu mal-attriċi;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba fis-sens illi tordna li l-konvenut għandu jkollu d-dritt ta' aċċess supervizjonat ta' darba fil-ġimgħa ta' siegħa fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ, fejn kull bidu tax-xahar il-konvenut għandu jipprezenta lil Ħaddiema Soċjali rizultat negattiv għad-droga wara li jkun ittiehed kampjun tal-awrina taħt is-supervizjoni tal-Aġenzija Sedqa. Madanakollu u f'kaz li: (i) r-rizultat negattiv għad-droga ma jiġix ipprezentat imqar darba waħda biss, u/jew, (ii) il-konvenut ma jattendix għal tali aċċess għal tlett (3) darbiet in fila mingħajr raġuni valida jew preavviz ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa lill-Ħaddiema Soċjali, tali dritt ta' aċċess għandu jiġi terminat b'mod temporanju sabiex ma tibqgħax issir ħsara lil minuri li ilhom jesperjenzaw inkosistenza da parti missierhom għal zmien twil. F'tali ċirkostanzi, il-konvenut għandu jingħata mill-ġdid l-edukazzjoni neċessarja sabiex jitgħallem dwar l-importanza tat-trobbija tal-ulied u l-irwol tiegħu bħala missier, fejn wara li jitlesta tali kors, l-aċċess għandu jerġa' jibda jiġi ezerċitat, bil-kundizzjoni li jekk il-konvenut jerġa' ma jipprezentax rizultat negattiv għad-droga għal darba waħda biss, u/jew ma jattendix għall-aċċess għal tlett (3) darbiet in fila mingħajr raġuni jew preavviz ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa lill-Ħaddiema Soċjali involuti, l-aċċess għandu jiġi terminat immedjatament b'mod definittiv bil-fakolta' li meta jidhirlu xieraq il-konvenut ikun jista' jressaq talba appozita lil din il-Qorti sabiex din tal-aħħar tkun tista tirrivaluta d-dritt tal-konvenut li jakkwista mill-ġdid id-dritt tiegħu għall-aċċess mal-minuri, jekk l-ulied jagħżlu li jmorru jgħixu ghal rashom meta jsiru maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

3. Tilqa' it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talba, u tordna lil konvenut iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4)

ġimgħat għal kull wild, u ċjoe' għal E u D, aħwa B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E u D, aħwa B, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom, jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri;

4. Tilqa' is-seba' talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex fir-rigward ta' ħruġ u tiġdid tal-passaporti tal-minuri din tista' taġixxi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmija passaporti maħruġa fuq isem il-minuri għandhom jinzammu fil-pussess tal-attriċi.

5. Tilqa' t-tmien talba u tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Aġenzija Appoġġ u lill-Aġenzija Sedqa.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.